MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 22 ta’ Settembru 2016**
**(Distrett Qawra)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Isam Mohammed El Shahumi**
**(ID: 53095A)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Isam Mohammed El Shahumi** talli nhar il-25 ta’ Marzu 2016 ghall-habta tas-18:45hrs waqt li kien fil-fond Ta’ Penellu, Blk 1, Triq is-Sifa, Mellieha :

1. Kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b’ghajjat u/jew glied.
2. U aktar talli hebb ghall-persuna ta’ Andrea Alison Ann Buhagiar minghajr ma darabha.
3. U aktar talli volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe` zewg pots, proprjeta’ ta’ Andrea Alison Ann Buhagiar u ta’ Pierre Buhagiar.

4. U aktar talli ghamel lil Pierre Buhagiar ingurji u/jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali jew jekk kien provokat ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.
5. U aktar talli bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Pierre Buhagiar jibza' li kienet ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew kontra xi persuna ohra.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta` ta' Pierre Buhagiar u ta' Andrea Alison Ann Buhagiar (Kap 9 sec 383).

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez tad-danni maghmula (Kap 9 sec 380).

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni;

Semghet lill-imputat;

**Ikkunsidrat :**

Illi mix-xhieda tal-kwerelant Pierre Buhagiar jirrizulta illi l-imputat jirrisjedi flimkien mas-siehba tieghu u missierha fl-istess blokka ta' appartamenti. Jirrizulta illi l-kwerelant joqghod fil-pjan terran filwaqt li l-imputat joqghod f'appartament numru 6 fl-istess blokk. Jirrizulta wkoll illi fil-gurnata in kwistjoni s-siehba tal-imputat kienet qed twaddab xi ilma fil-gallarija li kien qieghed jaqa' fuq il-vettura tal-kwerelant. Ghalhekk, mart l-imputat, Andrea Alison Ann Buhagiar, harget tkellem lis-siehba tal-imputat meta f'daqqa u l-hin nizel l-imputat mis-sular ta' fuq, taha daqqa ta' spalla, u hareg barra u waqqa' zewg qsari li l-kwerelanti kellhom fil-gallarija li taghti ghat-triq u wara mar jargumenta mal-kwerelant fuq l-ghatba tal-bieb tal-kwerelant. Sussegwentement, l-imputat ipprova jhebb ghaz-zewg kwerelanti u l-kwerelant hareg ghalih b'*baseball bat* u kkagunalu xi feriti li dwarhom Buhagiar diga gie sentenzjat minn Qorti

diversament presjedut u dan kif jirrizulta mir-rapport tal-incident esebit mill-Prosekuzzjoni.

Il-kwerelanti Andrea Alison Ann Buhagiar ikkonfermat il-verzjoni ta' zewgha u esebiet numru ta' ritratti li juru l-hsara sofferta kemm fil-vettura taghhom u kemm fil-qsari li kellhom, pero` stqarret illi l-imputat kien kisser biss zewg (2) qsari filwaqt li l-ohrajn tkissru minn Paul Andrews. Hija esebiet ukoll kwotazzjoni ta' numru ta' qsari u pjanti sabiex terga' tixtri dak li gie mkisser.

L-imputat ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda u nnega li huwa hebb ghal Andrea Alison Ann Buhagiar u li ghamel dak lilu imputat fl-imputazzjonijiet. Jghid li fl-istess incident huwa safa aggredit minn Pierre Buhagiar b'*baseball bat* u sofra griehi gravi.

Il-Qorti, wara li semghet il-provi u rat id-dokumenti, ma tqisx il-verzjoni tal-imputat veritjiera. Kien proprju l-imputat li nizel minn fuq u kkonfronta lill-kwerelanti fuq l-ghatba ta' darhom u dan ghaliex il-kwerelanti Buhagiar ippruvat tkellem lis-siehba tieghu biex ma titfax ilma mill-gallarija. Min-naha l-ohra m'ghandhiex ragunijiet ghaliex tiddubita l-verzjoni tal-kwerelanti.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-imputazzjoniet mressqa kontra l-imputat sal-grad li trid il-ligi. In oltre, rigward piena, il-Qorti tqis li l-imputat ghandu bzonn li jkollu x-xabla ta' Demokle imdendla fuq rasu sabiex qabel jerga' jagixxi kif agixxa jahsibha darbtejn.

**DECIDE**

Ghaldaqstant il-Qorti qieghdha tiddikjara lill-imputat **Isam Mohammed El Shahumi** hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal disa' (9) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qeghdin jigu sospizi ghal tliet (3) snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien tliet (3) snin.

In oltre b'applikazzjoni tal-Artikolu 412 C tal-Kodici Kriminali, l-Qorti qed tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat ghall-perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum favur Pierre u Andrea Alison Ann Buhagiar.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur